Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2012/C 187/07)

Skont l-Artikolu 9(1)(a), it-tieni inċiż, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Maqgħuda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

F'paġna 349:

8534 00 Ċirkwiti stampati

It-test eżistenti huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din l-intestatura tinkludi:

(1) lametti tal-karti fil-forma ta' ċirkwit stampat għall-prevenzjoni tas-serq, pereżempju, tal-kotba tal-librerija;

(2) kondutturi flessibbli tal-elettriku fil-forma ta' ċirkwiti stampati."

F'paġna 361:

8544 Wajer iżolat (inkluż dak enamelizzat jew anodizzat), kejbil iżolat (inkluż kejbil koassjali) u kondutturi iżolati oħrajn tal-elettriku, kemm jekk armati b'konnetturi u kemm jekk le; kejbils tal-fibra ottika, magħmulin minn fibri miksijin individwalment, kemm jekk immuntati b'kondutturi tal-elettriku u mgħammrin b'konnetturi u kemm jekk le

It-test eżistenti huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din l-intestatura ma tinkludix:

(a) kondutturi elettriċi flessibbli fil-forma ta' ċirkwiti stampati (titolu 8534 00);

(b) konnetturi ppreżentati separatament u adapters għal kejbils jew kondutturi elettriċi oħrajn (titolu 8535 jew 8536);

(c) konnetturi għal kejbils tal-fibra ottika (sottointestatura 8536 70 00)."

Għandu jiżdied it-test li ġej:

"**8544 42 10 Ta' tip użat għat-telekomunikazzjonijiet**

Ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HS) għall-intestatura 8544.

Għall-finijiet ta' din is-sottointestatura, l-espressjoni 'tat-tip użat għat-telekomunikazzjoni' tinkludi wkoll kondutturi elettriċi mgħammra b'konnetturi użati f'networks tat-telekomunikazzjoni, pereżempju, sabiex tiġi konnessa magna awtomatika għall-ipproċessar tad-dejta (ADP) ma' modem.

Madanakollu, din is-sottointestatura ma tinkludix:

(a) kondutturi elettriċi mgħammra b'konnetturi biex jintużaw għall-konnessjoni ta' apparat differenti (pereżempju, DVD plejer ma' monitor jew magna ADP ma' monitor, printer, tastiera, projettur, eċċ.);

(b) kondutturi elettriċi maħsuba biex jiddaħħlu f'magni, pereżempju, magna ADP jew unità tagħha, għall-konnessjoni ta' partijiet interni differenti tal-magna.

(c) kondutturi elettriċi li jservu biss sabiex jipprovdu l-enerġija, pereżempju, kejbils tal-elettriku.

8544 49 20 Ta' tip użat għal telekomunikazzjonijiet, għal vultaġġ li ma jaqbiżx it-80 V

In-Nota ta' Spjegazzjoni għas-sottointestatura 8544 42 10 tapplika, *mutatis mutandis*."

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.